



Brussell, 22 ta' Marzu 2019  
(OR. en)

7601/19

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2018/0900(COD)**

---

**CODEC 691**  
**JUR 142**  
**COUR 15**  
**INST 80**

**NOTA PUNT "I/A"**

|          |                                                                                                                                                                                                                    |
|----------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                   |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                      |
| Suġġett: | Abbozz ta' <b>REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL</b> li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ( <b>l-ewwel qari</b> )<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv |

1. Fis-26 ta' Marzu 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea bagħtet talba skont l-Artikolu 281 TFUE għal emenda tal-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li kellha erba' aspetti prinċipali<sup>1</sup>.
2. Il-Kummissjoni tat l-opinjoni tagħha dwar it-talba fil-11 ta' Lulju 2018<sup>2</sup>.
3. Fl-10 ta' Awwissu 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreżentat talba modifikata li kien fiha biss dawk il-partijiet tal-proposta li ma kinux problematiċi, u li ntbagħtet għall-osservazzjonijiet bil-miktub lill-Istati Membri<sup>3</sup>.
4. Fit-23 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni tat opinjoni ġdida favorevoli dwar it-talba emendata<sup>4</sup>.

---

<sup>1</sup> 7586/18.  
<sup>2</sup> 11076/18.  
<sup>3</sup> 11887/18.  
<sup>4</sup> 13587/18.

5. Fit-13 ta' Marzu 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' compromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill<sup>5</sup>.
6. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi lill-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 1/19, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

---

<sup>5</sup> 7124/19.